MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 1233/2011

**Joseph Agius**

**-vs-**

**Noel Mifsud f'ismu proprju u Wonka Company Limited (C44106)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-esponenti daħal f'negozjat mal-konvenut Noel Mifsud sabiex jikri l-fond Numru 42B, Marina Street, Pieta, fejn sussegwentement ġie ffirmat ftehim ta' kera permezz ta' skrittura privata datata 1 ta' Settembru 2009 mas-soċjeta' konvenuta, *ossia* Wonka Company Limited, rappreżentata mill-konvenut Mifsud, u dan skond ma jidher minn Dok A hawn anness;

Illi *ai termini* tal-iskrittura privata (Dok A) is-soċjeta' konvenuta kellha tħallas l-ammont ta' ħamest elef u tmien mitt Ewro (€5,800) kera fis-sena, liema kera kellha titħallas tlett xhur bil-quddiem, *ossia,* erba' mija u ħamsin Ewro (€450) kull tlett xhur bil-quddiem.

Illi s-soċjeta' konvenuta ħallset biss sal-perjodu li skada fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2011 u għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-arretrati tal-kera l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;

Illi l-imsemmi ftehim privat (Dok A) kien jistipola li s-soċjeta' konvenuta kellha tħallas il-permessi tal-ħanut kif ukoll id-dawl u l-ilma fost oħrajn;

Illi fuq il-fond in kwistjoni hemm pendenti kont fl-ammont ta' elf sitt mija sebgha u għoxrin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1,627.33) rapprezentanti dawl u ilma u dan hekk kif jidher minn Dok B hawn annessa, użati mis-soċjeta' konvenuta, u għalkemm interpellata diversi drabi sabiex tħallas l-imsemmija arretrati, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadampjenti;

Illi sussegwentament saru diversi laqgħat u diskussjonijiet bejn l-esponenti, is-soċjeta' konvenuta u l-konvenut l-ieħor, liema laqgħat wasslu sabiex tiġi ffirmata skrittura privata oħra hawn annessa u mmarkata bħala Dok C fejn jidher li s-soċjeta' konvenuta aċċettat li ċċedi l-imsemmi fond sal-31 ta' Ottubru 2011, u fin-nuqqas tħallas penali ċerti u likwidati fl-ammont ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (€233) kull ġurnata, kif ukoll obbligat ruħha li tħallas penali waħda żejda fl-ammont ta' mitt Euro (€100) u dan hekk kif jidher mill-istess Dok C;

Illi kif jidher minn Dok C, il-konvenut Noel Mifsud personalment daħal bħala garanti għall-obbligazzjonijiet kollha assunti mis-soċjeta' konvenuta fuq l-imsemmija skrittura privata (Dok C);

Illi minkejja l-obbligi assunti fuq l-imsemmija skrittura privata (Dok C) is-soċjeta' konvenuta qatt ma rritornat il-

fond in kwistjoni lura lill-esponenti, u l-konvenuti naqqsu li jħallsu l-arretrati tad-dawl u l-ilma, l-arretrati tal-kera u l-penali minnhom inkorsi fuq Dok D, u mitluba jagħmlu dan il-konvenuti baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha tinbeda din il-kawża.

Illi dawn il-fatti huma magħrufa mill-esponenti li qiegħed jikkonferma l-istess bil-ġurament tiegħu u jiddikjara li sa fejn jaf hu, l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu kontra din it-talba.

Għaldaqstant, l-esponenti għar-raġunijiet hawn fuq premessi qiegħed bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża *ai termini* ta' Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tordna lis-soċjeta' konventa tiżgombra minnufih mill-fond Numru 42B, Marina Street, Pieta u dan *ai termini* tal-iskrittura privata Dok C;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħalsu lill-attur l-arretrati dovuti fuq il-kera naxxenti mill-iskrittura privata (Dok B);

4. Tiddikjara u tordna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lill-attur il-penali kollha, *ossia* l-ammont ta' €233 kuljum, naxxenti mill-iskrittura privata Dok C, mid-data tal-31 ta' Ottubru 2011 sad-data li fiha l-attur jerġa jingħata lura l-pussess tal-fond in kwistjoni.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat qabel dawn il-proċeduri, kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas illi jippreżenta risposta u għalhekk huwa kontumaċi skond il-ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza, wara li l-attur ikkonferma bil-ġurament li s-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa mill-attur ma ġewx ribattuti kif ġja’ ngħad u għalhekk jirriżultaw it-talbiet kollha tiegħu;

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attriċi – għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta’ xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati wkoll mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------